22001D0084

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 84/2001

tad-19 ta' Ġunju 2001

li temenda l-Anness XXI (Statistika) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiemimsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 57/2001 tat-18 ta' Mejju 2001 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2601/2000 tas-17 ta' Novembru li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward tal-ħin f'waqtu biex jiddaħħli prezzijiet tax-xerrej fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2602/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward ta' l-*istandards* minimi għat-trattament ta' tnaqqis fil-prezzijiet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 ([4]) by se nemělo vztahovat na Lichtenštejnsko,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 19j (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/622/KE, Euratom) ta' l-Anness XXI li jinsab mal-Ftehim:

"19k. **32000 R 2601**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2601/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward tal-ħin f'waqtu biex jiddaħħlu prezzijiet tax-xerrejfl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 14).

19l. **32000 R 2602**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2602/2000 tas-17 ta' Novembru 2000 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2494/95 fir-rigward ta' l-*istandards* minimi għat-trattament ta' tnaqqis fil-prezzijiet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 16)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 2601/2000 u 2602/2000 fil-lingwi ta' l-Islanda u tan-Norveġja, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 165, tal-21.6.2001, p. 63.
([2]) ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 14.
([3]) ĠU L 300, tad-29.11.2000, p. 16.
([4]) ĠU L 257, tad-27.10.1995, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Ġunju 2001, kemm-il darba n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu intgħamlu lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', l-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali ma huma indikati.